**FIT - TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

**Ġudikatur: Dr. Marouska Debono LL.D; M.A. in Law**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 29 ta' Frar, 2024**

**Talba Nru: 137/2023MD**

**Creek Developments plc (C50531)**

**Vs**

**Luke Joseph Caruana (K.I 431894M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviż fl-ismijiet premessi ppreżentat fit-12 ta' April, 2023[1] permezz ta' liema s-soċjeta' attriċi talbet li l-konvenut jiġi dikjarat debitur tas-soċjeta' attriċi u konsegwentement kkundannat iħallasha s-somma ta' elf, erba' mija u erbgħa u tletin Ewro u sebgħin ċenteżimu (€1,434.70) rappreżentanti servizzi ta' rmiġġ; bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet.

Ra l-fattura[2] annessa mal-istess avviż.

Ra li mill-atti jirriżulta li għalkemm il-konvenut ġie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawża fit-terminu preskritt mil-Liġi u lanqas ma deher għas-seduti tal-15

[1] *A fol* 1 *et seq* tal-proċess.
[2] *A fol* 4 tal-proċess.

ta' Ġunju, 2023,[3] tal-10 ta' Ottubru, 2023,[4] tat-30 ta' Novembru, 2023,[5] u tal-15 ta' Frar, 2024.[6]

Ra li l-avukat difensur tas-soċjeta' attriċi issottometta illi is-sorte tħallas mil-konvenut u fis-seduta tal-15 ta' Frar, 2024 talab sabiex it-Tribunal jiddeċiedi dwar il-Kap tal-Ispejjeż[7].

Ra li l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Ha konjizzjoni tac-ċirkostanzi kollha tal-każ.

Ikkunsidra Ii s-somma mitluba mis-soċjeta' attrici ġiet imħallsa mil-konvenut u għalhekk dan it-Tribunal ser jiddeċiedi biss fuq il-Kap tal-Ispejjeż.

Ikkunsidra li s-sorte tħallset wara li nfetħet l-kawża odjerna.

Għaldaqstant, it-Tribunal qiegħed jiddisponi minn dan il-każ billi jastjeni milli jieħu konjizzjoni ulterjuri tat-talbiet attriċi stante ħlas.

L-ispejjeż tal-kawża jitħallsu unikament mil-konvenut.

**Avukat Dr. Marouska Debono LL.D. M.A. in Law**

**Ġudikatur**

[3] *A fol* 8 tal-proċess.
[4] *A fol* 9 tal-proċess.
[5] *A fo*l 10 tal-proċess.
[6] *A fol* 14 tal-proċess.
[7] *Ibid*.